# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2017

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Numru :1100/2015/JPG**

**Marika Fsadni (I.D. 103465(M))**

**VS**

**Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, Segretarju Permanenti Joseph Camilleri, Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Brian Farrugia, Silvan Aguis, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal**

## Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat fl-20 ta' Novembru 2015, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

1. *Illi fis-17 t'April 2015 Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili hareg Sejha ghal kwotazzjonijiet ghal biex isir "telephone survey entitled 'Pereptions about third country nationals and immigration in Malta", ghall-liema sejha intefghu tmin applikazzjonijiet fosthom dik tal-mittenti.*

2. *Illi ghall-iskopijiet ta' evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet mitfugha twaqqaf Evaluation Committee compost mill-intimati Brian Farrugia, Silvan Agius, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal, li flimkien huma rrakkomandaw li ghalkemm l-offerta tal-mittenti kienet l-irhas wahda, l-applikazzjoni taghha kellha tigi eliminata ghaliex skond huma hija ma gabitx evidenza li ghandha kwalifiki f'ricerka socjali, meta dan ma kienx korrett.*

3. *Illi kieku l-evalwazzjoni saret in buona fede, l-intimati kellhom kull opportunita jikkjarifikaw il-kwistjoni tal-kwalifiki qabel ma hadu d-decizjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni, u ghalhekk huwa car li d-decizjoni mehuda ghall-eliminazzjoni tal-applikazzjoni tal-attrici saret b'culpa u/jew dolo, u ma saritx in bona fede.*

4. *Illi l-attrici tablet rimedju ghal dan minn ghand id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti skond il-ligi, pero' l-istess Direttur Generali hasel idejh mill-kwistjoni, bi ksur tal-obbligi tieghu skond il-ligi.*

5. *Illi b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet tal-intimat, l-attrici baqghet bla ebda rimedju, b'dan li x-xoghol li ghalih saret l-offerta ingustament ma inghatax lilha imma inghata lil haddiehor, liema azzjoni kkawzatilha danni pekunjarji u morali.*

6. *Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment, u fic-cirkostanzi kellha ssir din il-kawza.*

Risposta guramentata tal-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarjiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili; tas-Segretarju Permanenti Joseph Camilleri; tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti; ta' Brian Farrugia; ta' Silvan Aguis; ta' Ruth Baldacchino; u ta' Stephen Monreal li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament galadarba l-valur tal-kuntratt li ppretendiet li tikseb ir-rikorrenti kien limitat ghall-bagit massimu ta' €6,000+VAT u l-kwotazzjoni sottomessa minnha stess kienet ta' valur ta' €3,950+VAT, allura huwa sintomatiku li r-rikorrenti ma tistax titlob li tikseb somom li jaqbzu dawn l-ammoni. Ghalhekk billi l-valur tal-kawza huwa taht il-€11,646.87, dan ifisser li l-kontestazzjoni tallum ma setghex titressaq quddiem din*

*l-Onorabbli Qorti izda kellha ssir quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif jitlob u jrid l-Artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, peress li din is-sejha harget u giet ipprocessata mill-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili (Dok A), id-Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll Brian Farrugia, Silvan Aguis, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment gew imharrka bla bzonn. Tassew ladarba l-valur tas-sejha ghall-kwotazzjonijiet li qed tigi kkontestata mir-rikorrenti kienet taht il-€120,000, allura skont ir-regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (Legislazzjoni Sussidarja 174.04) u kif wara kollox gie sostnut minn gurisprudenza kopjuza (ara inter alia s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi Support Services Limited vs. Direttur Generali tal-Kuntratti et tat-30 ta' Mejju 2014 u Domain Academy Ltd vs. Direttur tal-Kuntratti et tal-25 ta' Settembru 2015), l-amministrazzjoni tas-sejha kienet taqa' f'idejn l-awtorita' kontraenti, f'dan il-kaz il-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili. Fic-cirkostanzi Ghalhekk l-intimati Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll Brian Farrugia, Silvan Aguis, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment ghandhom jigu mehlusa mill-harsien tal-gudizzju, dan anke minhabba ta' dak li jghid l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Illi f'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju r-rikorrenti ma tista' tattribwixxi l-ebda dolo jew culpa lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-Brian Farrugia, Silvan Aguis, Ruth Baldacchino u Stephen Monreal personalment u lanqas ma tista' tikseb xi kumpens minghandhom galadarba d-decizjoni tal-iskwalifika tal-kwotazzjoni giet minghand il-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili;*

4. *Illi taht linja preliminari wkoll u dejjem minghajr pregudizzju, ladarba r-rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistharreg id-decizjoni tal-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili li skwalifika l-kwotazzjoni taghha, dan ghandu jfisser li l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda ta' stharrig gudizzjarju ta'*

*ghemil amministrattiv kif regolata bl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux wahda semplicement ta' kulpa akwiljana jew ta' danni normali;*

5. *Illi stabbilit li l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv allura hija kellha skont l-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tressaq il-kawza taghha fiz-zmien sitti xhur kif tghid il-ligi. F'dan il-kaz id-decizjoni tat-twarrib tal-kwotazzjoni taghha hawn annessa u mmarkata 'Dok B' giet ikkomunikata lilha fis-6 ta' Mejju 2015 u ppubblikata l-ghada 7 ta' Mejju 2015 filwaqt li l-azzjoni taghha quddiem din l-Onorabbli Qorti nbdiet fl-20 ta' Novembru 2015. Ghalhekk peress li l-azzjoni tar-rikorrenti tressqet wara z-zmien ta' sitt xhur li tghid il-ligi, dan ifisser li r-rikorrenti tilfet id-dritt taghha li taghmel dawn il-proceduri;*

6. *Illi fil-mertu u dejjem minghajr hsara ghal dak li ntqal sa issa, it-talbiet rikorrenti xorta wahda mhumiex misthoqqha minhabba li hija ma kellhiex il-kwalifiki necessarji li kienu mitluba fid-dokument tas-sejha ghall-kwotazzjonijiet. Dan inkwantu wahda mir-rekwiziti ghall-aggudikazzjoni tas-sejha ghall-kwotazzjonijiet tas-sbatax (17) t'April 2015 mahruga mill-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Drittijiet Civili biex isir survey telefoniku ntitolat "Perceptions about third country nationals and immigration in Malta" kienet li r-ricerkatur ewlieni ghandu mill-anqas ikollu MQF f'livell sitta (6) f'suggett relatat mar-rickerka socjali, liema kriterju ma giex sodisfatt mir-rikorrenti;*

7. *Illi l-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili ma setax jaccetta proposta li ma kinitx konformi mal-htigijiet u r-rekwiziti mitluba ghaliex inkella huwa kien jigi li qed jivvantaggja lir-rikorrenti b'mod ingust u diskriminatorju meta mqabbel mal-operaturi ekonomici;*

8. *Illi l-fatt li r-rikorrenti kellha prezz huwa baxx huwa irrilevanti jekk il-proposta maghmula ma kinitx tissodisfa l-kriterju u l-htigijiet mitluba;*

9. *Illi r-rikorrenti ma setghetx tippretendi li tintalab kjarfika tal-proposta taghha ghaliex kif inhuwa maghrufa fil-qasam tal-ghoti tal-kuntratti pubblici, dak li ghandu jghid operator ekonomiku ghandu jghidu mill-ewwel fil-proposta tieghu. Jekk operator prospettiv ihalli*

*xi haga barra jew ikun ambigwu fl-offerta tieghu, huwa ma jistax jippretendi li jithalla jsewwi l-offerta tieghu wara li jinkixfu l-prezzijiet ta' kulhadd;*

10. *Illi safejn jolqot l-ghemil tad-Direttur tal-Kuntratti tajjeb li jinghad li huwa ma kellux obbligu mnissel mil-ligi li jara hekk il-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili mexiex sew fil-process tas-sejha u dan ghaliex kif ga nghad skont ir-regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici ir-responsabbilita' ta' dan il-kuntratt kien f'idejn l-awtorita' kontraenti. Minkejja dan malli d-Dipartiment tal-Kuntratti rcieva l-ilment minghand ir-rikorrenti huwa vverifika mal-Ministeru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili biex jara jekk sehhietx xi irregolarita' f'dan il-kaz u appuntu mill-indagnijiet tghid li d-Dipartiment tal-Kuntratti hasel idejh;*

11. *Illi dejjem bla hsara ghall-premess, dwar it-tieni u t-tielet talba rikorrenti, l-intimati ma jistghux jirrispondu ghad-danni ghaliex hadd mill-intimati ma kellu dan il-hsieb doluz meta ma tawx il-kuntratt lir-rikorrenti. Ghalhekk fl-assenza tad-dolo jew tal-culpa ebda danni ma huma dovuti;*

12. *Illi f'kull kaz ir-rikorrenti trid iggib prova tajba tad-danni li garrbet u kif ukoll li dawn id-danni kienu konsegwenza diretta ta' xi mgieba tal-intimati;*

13. *Illi dejjem minghajr pregudizzju, ladarba l-ghemil attakkat twettaq fi stadju prekuntrattwali, allura skont il-gurisprudenza Maltija, ir-rikorrenti tista' titlob biss li tithallas ghat-telf attwali u mhux ukoll kumpens minhabba telf ta' qliegh;*

14. *Illi fl-ahharnett ir-rikorrenti lanqas ma tista' tippretendi li tiehu danni morali, kemm ghaliex dawn mhumiex kontemplati fil-ligi ghax-xorta tal-kaz li ghandna quddiemna, kif ukoll ghaliex telf ta' kuntratt pubbliku li ma jaqbizx l-ammont ta' €6000+VAT, taht l-ebda sura ta' immaginazzjoni ma jista' jinghad li jwassal ghal xi tbatija jew tigrib li jintitolaw l-ghoti ta' kumpens morali,*

15. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ingunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Sylvan Agius** xehed a fol 175 – 178 illi l-Ministeru kien rebah progett bl-isem Mind the Gap b'fondi Ewropej, u hareg xi sejhiet bhala parti minn dan l-progett. Is-sejha mertu ta' din il-kawza ma kienx is-sitt elef Ewro (€6,000) minghajr VAT, u ghalhekk kienet harget forma ta' sejha u mhux *tender*. Skont id-dokument sottomess mir-rikorrenti, li jinsab ezebit a fol 55, il-valur tas-sottomissjoni taghha kien ta' massimu ta' tlett elef u disa' mija u hamsin ewro (€3,950), eskluz VAT. **In kontro-ezami** a fol 177 qabel illi l-offerta tar-rikorrenti kienet irhas min dik li ntaghzlet.

**In ri-ezami** a fol 177 xehed illi ir-rwol tieghu ghall-finijiet ta' din is-sejha kien ta' Policy Co-ordinator fi hdan is-Segretarjat, u illum il-gurnata huwa Direttur tad-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni.

**Ri-prodott** a fol 253 – 254 xehed illi wara s-sejha mertu tal-kawza odjerna, il-Ministeru ma hareg l-ebda sejha ohra rigward l-immigranti, u li barra minn hekk dan huwa suggett specifiku hafna u ghalhekk mhux normali li jkun mitlub fir-rigward ta' ricerka ohra. **In kontro-ezami** a fl 254 xehed illi huwa ma jkunx jaf x'sejhiet ikunu hargu minn NGOs.

**Marika Fsadni,** xehdet a fol 178 – 184 illi hija ilha tmintax -il sena Full Time Researcher, ghaliex ir-ricerka hija l-qalba tan-negozju taghha, f'liema negoza timpjega tliet persuni fl-ufficju, u erbghin ohra fuq *project basis.* Spjegat illi peress li dan huwa progett pubbliku jkun hemm *spin offs* minnu, mhux bhal meta jkun progett ikkomissjonat minn entita privata, fejn tlesti l-progett,

tithallas u daqshekk. Qalet illi barra minn hekk hija ilha hamsa u ghoxrin sena l-Universita bhala Senior Visiting Lecturer.

Spjegat illi hija irricerkat il-progett Mind the Gap u sabet illi fuq il-website li jista' jaccessha kulhadd tidher l-isem tal-kumpanija li hadet is-sejha u ghamlet ir-rapport. Ghalhekk, ghalkemm il-proprjeta tax-xoghol xorta tibqa' tal-Ministru, individwu jkun jista' jara l-isem tal-kumpanija illi effetivament ghamlet ix-xoghol u jaghmel kuntatt maghha. Ziedet illi filfatt il-persuna li hejjiet dan ir-rapport kienet anke hadet sehem f'konferenza nazzjonali, u ghalhekk kien hemm certu esposizzoni ghal NGOS, *speakers* internazzjonali li attendew din il-konferenza u raw ix-xoghol li sar mill-persuna. Qalet ukoll illi barra minn hekk, kieku intghazlet hi kienet tkun kontributur fil-*framework document* tal-progett Mind the Gap li huwa pjan ta' stratgeija ghal hames snin. Qalet li ghalhekk hi taf mill-esperjenza li ghalkemm forsi il-progett kien wiehed ta' ftit flus, xorta johrog iktar profit minnu. Enfasizzat illi hija m'hijiex *reporter* izda *full time researcher* u ghalhekk dan it-tip ta' xoghol huwa 85% tal-*annual turnover* taghha.

Ziedet illi barra minn hekk, il-fatt li ma nghatatx dan it-tender, ifisser illi kienet qed tigi mcahhda mill-opportunita li tkun tista' taghmel *tender* ghal xi progett iehor ghaliex ikollu bzon certu esperjenza li hi tlifet minhabba li ma gietx moghtija din is-sejha. Qalet ukoll ili anke l-fatt li hija, bhala akademika, giet skwalifikata fuq il-bazi li ma kelliex il-kwalifiki necessarji, taghmel hsara lir-reputazzjoni taghha u ghalhekk dan ikollu impatt negattiv fuq il-qliegh futur taghha.

**In kontro-ezami** a fol 248- 252 u mistqosija jekk tafx b'xi sejhiet ohra dwar ricerka kwantitattiva fir-rigward tal-integrazzjoni tal-mmigranti f'Malta minn din s-sejha sal-gurnata tat-testimonjanza taghha, wiegbet illi sa fejn taf hi ma kienx hemm, izda dan ma jfissirx illi c-cahda mhux ser taffetwaha ghaliex irrispettivament ta' meta tista' tohrog sejha ohra fuq l-istess suggett, din is-sejha generalmet tkun tirrikjedi li l-applikant jkollu esperjenza fuq dawk it-tip ta' progetti, u ghalhekk l-i*spin off* tista' tkun indefinita. Wiegbet ukoll illi fuq aspetti ohra ta' ricerka socjali hargu *tenders* ohra minn dak iz-zmien, izda mhux *tenders* li jehtiegu esperjenza specifika fil-qasam tal-immigrazzjoni. Ziedet illi pero hija, fil-frattemp, ghamlet zewg pubblikazzjonijiet li jaqghu taht l-istess Ministeru li huma fuq *third country nationals.* Mistoqsija jekk minn dak iz-

zmien haditx *tenders ohra* wiegbet fl-affermattiv, ghaliex li kieku n-negozju tahha jfalli, u bhalissa kienet qed taghmel sebgha *surveys.*

**L-Avukat Franco Agius** xehed permezz ta' affidavit a fol 256 illi r-rikorrenti issottomettiet offerta ghas-sejha ghall-kwotazzjonijiet sabiex isir *survey* telefoniku ghal *Perceptions about third country nationals and immigration in Malta.* Kompla li d-Dipartiment tal-Kuntratti ma jhossx illi huwa korrett dak li qed tghid ir-rikorrenti rigward l-"i*spill over effect"* li jista' jkollha c-cahda tal-offerta taghha ghaliex minkejja li l-esperjenza tista' tkun kriterju ta' selezzjoni, id-Dipartiment kien hareg struzzjonijiet lil awtoritajiet kontraenti sabiex l-esperjenza ma tintuzax bhala kriterju safejn l-istima ghas-sejha ma tkunx aktar minn hames mitt elf ewro (€500,000) VAT eskluz, u dan permezz ta' cirkulari bin-numru 19/2013. Ghalhekk dan ifisser illi l-fatt li Fsadni ma haditx dan il-kuntrat ma jfissirx illi xi ser ikollha xi zvantagg f''sejhiet futuri.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati kollha ecceppew l-inkompetenza ta' din il-Qorti a bazi tal-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimati jargumentaw illi l-import ta' dan l-artikolu a *contrario sensu* huwa illi din il-Qorti hija prekluza milli tisma' kawza li l-valur taghhom ikun inferjuri ghal hmistax il-elf ewro (€15,000).[1]

Jirrizulta illi s-sejha mertu tal-kwistjoni ma kienetx teccedi l-valur ta' sitt elef ewro (€6,000) u dan mix-xhieda ta' Silvan Agius li xehed illi kien ghalhekk illi il-process ghall-ghoti ta' kuntratt tmexxa permezz ta' sejha ghall-applikazzjonijiet u mhux permezz ta' *tender*. Ir-rikorrenti pero targumenta illi l-pretensjoni taghha f'din l-azzjoni m'hijiex marbuta biss mal-valur ta-kuntratt li hija tilfet, izda anke tirrigwarda t-telf ta' qliegh futur illi hija allegatament soffriet b'konsegwenza tac-cahda tal-offerta taghha u infatti talbiet il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnha, li jidher illi r-rikorreni qed tippretendi li jmorru oltre l-valur attwali tal-kuntratt li hija tilfet.
L-intimati jargumetaw illi l-fatt li r-rikorrenti ghazlet illi ma tintavolax ilment quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici, quddiem liema jista' jitressaq ilment fil-kaz illi l-kuntratt

[1] F'dan il-kaz €11,646.87.

ikun jeccedi l-valur ta' tnax il-elf ewro (€12,000), ifisser illi r-rikorrent implicitament ammettiet illi l-pretensjonijiet taghha ma kienux jaqbzu s-somma ta' tnax il-elf ewro (€12,000). Il-Qorti pero tqis illi dan huwa argument fallaci. Il-kompetenza tal-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici hija bazata biss fuq il-valur attwali tal-kuntratt u xejn aktar. Kwalunwke telf kompriz f'danni attwali jew futuri ma jaghmlux parti mill-komputazzjoni tal-valur li tirradika il-kompetenza tal-Bord. Ir-rikorrenti ma cahditx illi l-valur tal-kuntratt kien ta' ftit anqas minn erbghat elef ewro (€4,000) eskluz VAT, pero spjegat, u dan jidher car anke mir-rikors guramentat intavolat minnha, illi t-talba taghha tinkludi danni li hija allegatament soffriet minhabba telf ta' qliegh a kawza ta' din ic-cahda, fattur illi ma jistghax jirradika l-kompetenza tal-Bord imsemmi. Ghalhekk, il-fatt li r-rikorrenti m'ghazlitx li tintavola l-ilment taghha quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici ma jfisser xejn aktar mill-fatt illi r-rikorrenti kienet konsapevoli tal-valur tal-kuntratt li hija applikat ghalih.

L-Artikolu 747 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Mala jipprovdi illi

> **"[i]*l-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.*"**

L-Artikolu 748 imbaghad jiddefinixxi meta l-valur tal-oggett ghandu jitqies li hu determinat mit-talba, u cioe:

> ***a. "meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;***
> **b. *meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti.*"**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance Plc vs The Cargo Handling Company Ltd et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-25 ta' Settembru 2009, gie rrilevat illi:

> "…***fejn il-valur ta' talba huwa incert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-ligi hija din il-***

***Qorti. Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati taghna ghar-rigward, fejn gie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta' kumpens li seta' jiehu ma kien qatt jisboq ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri***."[2]

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Francis Pace vs Racing Pigeons Society** datata 17 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tal-Magistrati applikat ir-regoli u principji hawn fuq imsemmija u rrilevat illi:

> *"…l-attur, kif rajna, qed jitlob inter alia l-ħlas tad-danni li jallega li sofra minħabba s-sospensjoni tiegħu mill-attivitajiet tas-socjeta' konvenuta.* ***Ma kkwantifikax dawn id-danni, anzi qed jitlob il-likwidazzjoni tagħhom.*** *Lanqas ma jistgħu jigu kkwantifikati bil-mod imfisser fil-paragrafu (b) tal-artikolu 748 tal-Kap.12, u kuntrarjament għal dak li jgħid l-attur fin-Nota tal-Osservazzjonijet responsiva tiegħu,* ***mkien ma ddikjara li l-pretensjoni tiegħu ma teccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti. Zgur għalhekk illi safejn jirrigwarda t-talbiet relattivi għad-danni, din il-Qorti mhix kompetenti ratione valoris."***

Fuq vena simili, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Borg vs Jane Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fil-15 ta' Dicembru 2003 inghad bl-iktar mod car u espress illi fejn il-valur tal-oggett tal-kawza m'huwiex determinat, it-talbiet ikunu jezorbitaw il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, li ghalhekk tkun inkompetenti *rationae valoris* biex tisma' u tiddisponi mill-kawza,

Il-Qorti tal-Appell Civili fis-sentenza deciza fit-12 ta' Frar 2001 fl-ismijiet **Pauline Mizzi et vs Concetta Key et** irreteniet illi:

---

[2] Vide wkoll **Ignazia Degabriele vs Joseph Attard et,** Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza 23 t' Gunju 2005; **World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 1 ta' April 2003.

> **“[m]*eta l-mertu ta' talba jkun ta' valur indeterminat, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tkun kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-kawza kollha, dan minkejja li fost it-talbiet ikun hemm ohrajn li jkunu jaqghu taht il-kompetenza ta’ Qorti ohra rationae valoris.*”**

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Vella vs Joseph Lautier** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fit-3 ta’ Dicembru 2004:

> “[i]***l-kompetenza rationae valoris tiddependi mill-att tac-citazzjoni. Ghalhekk meta c-citazzjoni tikkontjeni talba li taqa' fil-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti xorta tibqa' kompetenti anki jekk jigi likwidat ammont li jkun barra mill-margini tal-kompetenza tal-Qorti.***”

Ghall-mottivi fuq elenkati il-Qorti taghraf li ghandha l-kompetenza *rationae valoris* biex tiddisponi minn din l-azzjoni galadarba t-talba tar-rikorrenti, titratta’ talba b’valur indeterminat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddecedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimati kollha.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**